**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 456/2009**

**Illum: 7 ta' Frar 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Georgette Fenech**
**(ID 161487(M))**

**Sandro Mifsud**
**(ID 199673(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati:

Georgette Fenech ta’ 21 sena, bint Tarcisio u Salvina nee` Azzopardi, imwielda l-Pieta` fit-23 ta’ Marzu 1987, residenti Nru 84, Triq Santa Katarina, Qormi u detentrici tal-karta tal-identita` numru 161487(M); u

Sandro Mifsud ta’ 35 sena, bin Michael u Maria nee` Azzopardi, imwieled il-Pieta` fit-13 ta’ April 1973, prezentement residenti fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 199673(M):

Georgette Fenech wahidha akkuzata talli fit-3 ta’ Ottubru 2008 u fil-jiem ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer:

a) Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew tipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lil persuna jew persuni, jew ghal persuna jew persuni, minghajr ma kellha licenza mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li tforni d-droga msemmija, minghajr ma kienet fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenza jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga, u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll;

b) Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenza jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b’xi mod iehor bil-licenza mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Sandro Mifsud wahdu akkuzat talli fit-3 ta' Ottubru 2008 u fil-jiem ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer ittenta jaghmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew hajjar jew gieghel persuna ohra taghmel dak ir-reat bi ksur tal-Artikolu 22(5) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat Sandro Mifsud bhala wiehed li sar recidiv permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jirrimetti ruhu ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar it-3 ta' Ottubru 2008, certu Matthew Agius mill-Fondazzjoni 'Mid-Dlam ghad-Dawl' mar gewwa s-Sezzjoni tad-Debituri fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u hemmhekk halla *joystick* tal-*Playstation* ghall-ko-imputat Sandro Mifsud, li dak iz-zmien kien detenut gewwa Divizjoni 13. L-ghada filghodu, nhar l-4 ta' Ottubru 2008, CO 140 Josef Bonnici u CO 180 Mario Ellul fethu l-*joystick* u fiha sabu oggett bhal ballun imdawwar bit-*tape* u mdahhal f'ingwanta jew bicca ingwanta tal-lastiku.

Mir-relazzjoni tal-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut, mahtur bhala espert fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-kaz, jirrizulta illi nhar l-4 ta' Ottubru 2008, ghall-habta tas-6.10 p.m. huwa mar gewwa l-ufficju tal-Ispettur Johann J. Fenech gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija u hemmhekk gie muri *joystick* u borza tal-plastik li kien fiha trab ta' lewn kannella, li kienet tinsab fil-*joystick*. Skont l-istess relazzjoni, fl-estratt mehud mit-trab ta' lewn kannella fl-imsemmi dokument,

instabet is-sustanza eroina. Il-piz tat-trab kien ta’ 4.60 grammi u l-purita` kienet ta’ cirka 28%.

Matthew Agius irrilaxxja zewg stqarrijiet, wahda nhar l-4 ta’ Ottubru 2008 u l-ohra nhar il-15 ta’ Dicembru 2008. Huwa kkonferma dawn l-istqarrijiet bil-gurament tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti nhar is-16 ta’ Dicembru 2008, ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-istess Agius xehed ukoll f’dawn il-proceduri.

Il-ko-imputat Sandro Mifsud gie interrogat mill-pulizja nhar il-5 ta’ Ottubru 2008, fil-waqt illi l-ko-imputata Georgette Fenech giet interrogata nhar is-16 ta’ Dicembru 2008.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fl-ewwel lok, il-Qorti ser tqis liema provi huma inammissibbli f’dawn il-proceduri. Kif inghad, il-ko-imputati rrilaxxjaw l-istqarrijiet taghhom fil-5 ta’ Ottubru 2008 u fis-16 ta’ Dicembru 2008 rispettivament u ghalhekk fiz-zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tipprovdi d-dritt lill-persuna suspettata jew arrestata illi tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha. Dan id-dritt dahal fis-sehh fl-10 ta’ Frar 2010 permezz tal-Avviz Legali 35/2010. F’dan ir-rigward, il-posizzjoni legali llum hija wahda cara. Bizzejjed illi l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta’ Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor** tal-1 ta’ Dicembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti ghamlet referenza ghal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Ġenerali** tas-16 ta’ Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Ġenerali** tat-30 ta’ Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et** tal-24 ta’ Gunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Ġenerali et** tal-11 ta’ Lulju 2016 u ghaddiet sabiex tiddeciedi illi “*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused’s statement.*” Ghaldaqstant, la darba l-ko-imputati ma nghatawx id-dritt li jottjenu parir legali qabel irrilaxxjaw l-istqarrija rispettiva taghhom, il-Qorti m’hijiex qed tqis tali stqarrijiet bhala ammissibbli u qeghda tiskartahom.[1] Naturalment, dan japplika wkoll ghal kwalunkwe dikjarazzjoni li setghu ghamlu z-zewg ko-imputati qabel l-

[1] Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-23 ta’ Frar 2017 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v Ramon Fenech.**

interrogatorju taghhom, minghajr ma nghataw dan id-dritt, kif ukoll ghax-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur in kwantu din tirreferi ghal dak li stqarru l-istess ko-imputati matul l-investigazzjoni tal-pulizija.

In kwantu dak li l-Ufficjal Prosekutur jixhed dwar dak li stqarr mieghu Joswa Fenech waqt l-istess investigazzjoni, il-Qorti tqis illi l-istess Joswa Fenech ma xehedx f'dawn il-proceduri u ghaldaqstant, la darba ma jiskattawx id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta[2], dak li stqarr l-istess Fenech jibqa' kolpit mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9 ossia illi "*Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra*".

Finalment fir-rigward tax-xhieda taz-zewg ko-imputati f'dawn il-proceduri, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-11 ta' Lulju 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius**, fejn inghad hekk:

"*Issa, hu principju elementari tad-dritt ta' procedura penali taghna li dak li jistqarr ko-akkuzat, sia jekk bil-fomm biss u sia jekk bil-miktub, ma jaghmilx prova la favur u anqas kontra ko-akkuzat iehor. Dan il-principju jitnissel kemm mill-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali kif ukoll mill-artikolu 636(b) ta' l-imsemmi Kodici. Infatti l-gurisprudenza taghna rrikonoxxiet ukoll l-inammissibilita` tax-xhieda tal-ko-akkuzat kemm-il darba l-kaz tieghu ma jkunx gie definittivament konkluz; ara, inter alia,* ***R. vs Carmelo Cutajar ed altri****, 18/1/27 (Vol. XXVI.IV.758);* ***P. vs Toni Pisani****, 11/11/44 (Vol. XXXII.IV.792);* ***R. vs Karmnu Vella****, 3/12/47 (Vol. XXXIII.IV.547);* ***P. vs Alfred W. Luck et****, 25/4/49 (Vol. XXXIII.IV.870); u* ***P. vs Nicholas Grima****, 31/5/58 (Vol. XLII.IV.1393), kollha appelli kriminali*".

Ghalhekk, ix-xhieda tal-ko-imputat Sandro Mifsud f'dawn il-proceduri ma taghmel l-ebda prova fil-konfront tal-ko-imputata Georgette Fenech u vici versa.

Stabbiliti dawn il-principji procedurali u skartati dawk il-provi li huma inammissibbli, il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-provi rimanenti mressqa f'dawn il-proceduri.

---

[2] Skond l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

Jibda biex jinghad illi m'hemmx dubju mill-provi prodotti illi fil-jum in kwistjoni ossia fit-3 ta' Ottubru 2008, ghall-habta tat-3.30 p.m. jew l-4.00 p.m., Matthew Agius mill-Fondazzjoni 'Mid-Dlam ghad-Dawl' ha *joystick* tal-*Playstation* gewwa s-Sezzjoni tad-Debituri fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ghall-ko-imputat Sandro Mifsud. Dan jirrizulta kemm mill-istqarrija guramentata tal-istess Matthew Agius u mix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, kif ukoll mix-xhieda tal-Maggur Mario Fabri u tal-Maggur Frans Agius li dakinhar kienu stazzjonati gewwa l-istess Sezzjoni.

Jirrizulta wkoll illi din il-*joystick* thalliet fuq xkaffa gewwa s-Sezzjoni tad-Debituri matul il-lejl u l-ghada ghall-habta tad-9.00 a.m., mar f'din is-Sezzjoni CO 180 Mario Ellul mid-Divizjoni 13 u qal lil CO 140 Josef Bonnici illi l-ko-imputat Sandro Mifsud kien qed jitlob *joystick* li thallietlu hemmhekk. Stante illi Ellul innota certa insistenza da parti ta' Mifsud li qajjmitlu suspett, fuq struzzjonijiet tal-Maggur Fabri, CO 140 u CO 180 fethu din il-*joystick* u fiha sabu bhal ballun imgezwer f'*tape* u mdahhal f'bicca ingwanta. Mir-relazzjoni tal-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut jirrizulta illi d-dokument minnu analizzat kien jikkontjeni s-sustanza eroina.

Fit-trattazzjoni finali taghhom, l-avukati difensuri taz-zewg ko-imputati jissottomettu illi mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni ma tirrizultax il-kontinwita` tac-*chain of evidence* li permezz taghha, il-Qorti tista' tasal sabiex tikkonkludi, fil-grad rikjest mil-ligi, illi l-*joystick* li dahhal Matthew Agius fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin nhar it-3 ta' Ottubru 2008 kienet l-istess *joystick* li fiha nstab l-oggett in kwistjoni l-ghada fil-ghodu u lanqas illi l-oggett li nstab fil-*joystick* meta din giet miftuha, kien dak finalment analizzat mix-Xjenzat Godwin Sammut.

Jirrizulta mill-atti processwali, illi l-*joystick* in kwistjoni thalliet minn Matthew Agius mal-Maggur Mario Fabri fis-Sezzjoni tad-Debituri. Ghalkemm Matthew Agius ma jsemmix lill-Maggur Fabri, salv illi fix-xhieda tieghu jghid illi kien jaf lill-gwardjan li halla l-*joystick* mieghu minn wiccu, ghaliex kien ikun hemm dejjem hu dak iz-zmien, biss il-Maggur Fabri jixhed illi Matthew Agius kien ha *joystick* gewwa din is-Sezzjoni nhar it-3 ta' Ottubru 2008 ghall-habta tal-4.00 p.m. u qallu li din kienet ghal Sandro Mifsud. Jghid ukoll illi fuqha, huwa kien ghamlilha *label* bil-kliem 'Sandro Mifsud' – "*bicca masking tape*"[3] - u cempel gewwa d-divizjoni biex jitlob lill-ufficjali jitilghu ghaliha. Peress illi kien sar il-

[3] Ara a fol. 137 tal-process.

hin ma tela' hadd u ghalhekk din il-*joystick* baqghet fis-Sezzjoni tad-Debituri. Imbaghad l-ghada filghodu, meta l-Maggur rega' kien xoghol gewwa l-istess Sezzjoni, CO 180 staqsieh jekk kienx hemm xi *joystick* ghal Sandro Mifsud, iddeciedew li din tinfetah stante illi CO 180 gieh suspett u effettivament skont il-Maggur Fabri, din infethet minn CO 180 u CO 140 gewwa l-Ufficju tal-Maggur Agius. Ftit wara, CO 180 infurmah li kienet instabet fiha sustanza suspettuza u huwa ra bhal lastiku marbut u bocca fl-istess *joystick.* F'parti ohra mix-xhieda tieghu u in kontro-ezami, il-Maggur Fabri jikkonferma illi din il-*joystick* ma kellha xejn differenti li jiddistingwiha minn *joysticks* ohrajn li jithallew fis-Sezzjoni tad-Debituri.

Il-Maggur Frans Agius, da parti tieghu, jikkonferma illi huwa wkoll kien prezenti meta l-*joystick* thalliet gewwa s-Sezzjoni tad-Debituri minn Matthew Agius ghal Sandro Mifsud, li din inghatat lill-ufficjal iehor fis-Sezzjoni u li dan ghamilha bit-*tape* b'isem u kunjom Sandro Mifsud u halliha fejn jitpoggew l-oggetti li jidhlu fis-Sezzjoni ossia gol-ixkafef. Jghid ukoll illi huma ghalqu din is-Sezzjoni u li l-ghada huwa ma kienx xoghol hemmhekk, izda band'ohra. Agius esebixxa wkoll kopja tar-Registru ta' din is-Sezzjoni li turi l-oggetti li ddahlu ghad-detenuti nhar it-3 ta' Ottubru 2008 u ghal min dawn iddahhlu. Il-Maggur Fabri imbaghad ikkonferma li din kienet il-kitba tieghu u li kienet vera kopja tar-Registru li kellu quddiemu waqt ix-xhieda tieghu.

Fil-fatt jirrizulta mid-dokumenti esebiti mill-Maggur Frans Agius illi taht id-data tat-3 ta' Ottubru 2008, hemm il-kliem "*10. SANDRO MIFSUD 1 Joystick*".[4] Jirrizulta wkoll mill-istess ktieb illi dan huwa l-ahhar oggett li tnizzel fil-jum in kwistjoni u ma jidhirx illi dakinhar iddahhlu *joysticks* ohrajn ghal xi detenuti.

CO 140 Josef Bonnici jixhed illi nhar l-4 ta' Ottubru 2008 huwa kien xoghol gewwa s-Sezzjoni tad-Debituri meta mar CO 180 u qallu li Sandro Mifsud kien ilu jistaqsi ghal *joystick* u li ghalhekk huwa dar fuq il-Maggur u ddecidew li din ghandha tinfetah. Jghid illi kien huwa li fetahha, fil-presenza tal-Magguri u ta' CO 180 u fiha kien hemm bicca ingwanta maghluqa bit-*tape* suspettata li kienet tikkontjeni xi sustanza. Hemmhekk cemplu lil PC 123 (fil-fatt kien PC 133) biex jehodha gewwa l-Ghassa. Ix-xhud gharaf il-*joystick* (li giet esebita bhala Dok. JF fl-istess seduta mill-Ispettur Johann J. Fenech) bhala l-*joystick* in kwistjoni.

In kontro-ezami dan ix-xhud jghid illi huwa sab din il-*joystick* fir-*rack* tad-debituri, li din ir-*rack* tikkonsisti fi xkafef maqsumin skont id-divizjoni, li l-affarijiet li

[4] A fol. 155 tal-process.

jidhlu minn barra u l-affarijiet li johorgu mill-habs huma mizmuma separatament, li din ir-*rack* ma tigix imsakkra, izda hadd ma jidhol fil-kamra x'hin din tinghalaq, li l-persuni li jdahhlu oggetti f'din is-Sezzjoni jaslu sal-*counter* u li wara l-*counter* jidhlu biss l-ufficjali tal-habs, li l-persuni li jdahhlu oggetti f'din is-Sezzjoni ma jiffirmawx ghall-oggett li huma jdahhlu u lanqas ma jiffirma l-ufficjal, izda l-oggett jigi *tagged* u li f'dan il-kaz, il-*joystick* kienet f'basket bit-*tag* "*Sandro Mifsud Division 13*", liema *tag* iqeghda l-istess ufficjal li jkun ircieva l-oggett.[5] Din it-*tag* tigi mwahhla mal-basket. L-ufficjali assenjati fis-Sezzjoni tad-Debituri, gieli wiehed, tnejn jew tlieta jahdmu jum shih fl-istess Sezzjoni sakemm din imbaghad tinghalaq u l-ghada jkun hemm ufficjal iehor. Jghid ukoll illi din is-Sezzjoni tinfetah mid-9.00 a.m. sal-11.30 a.m. u mis-2.00 p.m. sal-4.45 p.m. Ix-xhud jghid illi jitnizzel fir-Registru l-oggett li jkun dahal u ghal min hu intiz. Ghalkemm ix-xhud jghid ukoll illi l-ufficjal li jircievi l-oggett jiffirma fuq ir-Registru, dan ma jirrizultax mid-dokumenti esebiti mill-Maggur Frans Agius.

CO 180 jghid illi ghall-habta tad-9.00 a.m. – u ghalhekk x'hin tiftah is-Sezzjoni tad-Debituri skont ix-xhud CO 140 – huwa mar ghall-*joystick* li beda jistaqsi ghaliha l-imputat Sandro Mifsud u li dak il-hin, din kienet ghadha fuq l-ixkaffa tad-Divizjoni 13 fejn jithallew l-affarijiet f'din is-Sezzjoni. Skont ix-xhud, meta nfethet din il-*joystick* kien hemm prezenti hu u CO 140, kif ukoll il-Magguri Fabri u Agius u li huwa ra ballun imdawwar bit-*tape*, imdahhal f'ingwanta gewwa l-*joystick.* Dak il-hin, huma ghalqu kollox u cemplu lil PC 133. Ix-xhud gharaf ukoll il-*joystick* li kien qed jirreferi ghaliha fix-xhieda tieghu. In kontro-ezami, ix-xhud jghid illi l-*joystick* nfethet biss fil-presenza tal-ufficjali tal-habs u li Mifsud, dak il-hin, ma kienx prezenti. Jghid ukoll illi f'dan il-kaz, l-oggett in kwistjoni kien *labelled* bil-kliem '*Sandro Mifsud, Division 13*'.

PC 133 Christopher Bonnici li dak iz-zmien kien jahdem gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin bhala SRT, jixhed illi fl-4 ta' Ottubru 2008 huwa rcieva telefonata sabiex jinzel fis-Sezzjoni tad-Debituri, u hemmhekk gie infurmat li nstabet sustanza suspettata droga gewwa *joystick.* Din il-*joystick* ma nfethitx minnu, imma mill-ufficjal inkarigat, izda huwa seta' jara li kien hemm xi haga marbuta fil-*joystick* u jsemmi li kien hemm xi *tape* u xi affarijiet li hasbu li setghet kienet droga. Jghid illi huwa tela' b'din il-*joystick* gewwa l-Ghassa ta' Rahal Gdid u kkonferma li l-*joystick* murija lilu kienet il-*joystick* li jirreferi ghaliha fix-xhieda tieghu. Jghid ukoll illi l-ufficjali in kwistjoni kienu CO 180 u CO 140. Ix-xhud jghid illi dan kien jidher *joystick* normali, fis-sens illi jekk ma jinfetahx, wiehed ma jkunx jaf x'fih gewwa.

---

[5] A fol. 70 tal-process.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis is-segwenti: Ghalkemm l-ixkaffar fejn tqeghdet il-*joystick* mehuda fis-Sezzjoni tad-Debituri minn Matthew Agius ma kienx tali li jissakkar, biss jirrizulta illi ftit tal-hin wara li din ittiehdet hemmhekk mill-istess Agius, is-Sezzjoni nghalqet (skont CO 140 li kien stazzjonat hemmhekk dak iz-zmien, din tinghalaq fil-4.45 p.m.) sal-ghada filghodu fid-9.00 a.m. (meta skont CO 140 terga' tiftah is-Sezzjoni) u dak il-hin mar jistaqsi ghall-*joystick* CO 180, meta mbaghad din giet miftuha. Jirrizulta wkoll mir-Registru tad-Debituri illi dakinhar ma ddahhlet l-ebda *joystick* ohra f'din is-Sezzjoni, hlief dik destinata ghal Sandro Mifsud u in oltre illi din il-*joystick* kienet giet *tagged* bi kliem li jirreferu ghal Sandro Mifsud, Divizjoni 13, fejn kien jinsab proprju l-ko-imputat Mifsud. Li l-*joystick* kienet *tagged* b'dan il-mod jikkonfermawh ukoll CO 180 u CO 140 li kienu prezenti meta nfethet l-istess *joystick*. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti m'ghandhiex dubju illi l-*joystick* li ddahhlet minn Matthew Agius gewwa s-Sezzjoni tad-Debituri kienet l-istess *joystick* li nfethet minnhom u li go fiha nstab dak li huma ddiskrivew bhala oggett f'forma ta' ballun imdawwar bit-*tape* u maghluq f'bicca ingwanta. Tqis ukoll f'dan ir-rigward illi kif xehdu l-ufficjali tal-habs, fis-Sezzjoni tad-Debituri kienu jidhlu biss ufficjali tal-habs u illi din kienet tinghalaq f'certu hin. In oltre ghalkemm il-ko-imputat Sandro Mifsud ma kienx prezenti meta nfethet din il-*joystick*, kemm CO 180, kif ukoll CO 140 jikkonfermaw li din infethet fil-presenza taghhom u dak li huma raw fiha dak il-hin.

Biss il-Qorti tqis ukoll illi kif tajjeb tghid id-difiza, ma tirrizultax il-kontinwita` tac-*chain of evidence* li tista' twassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi fil-grad rikjest mil-ligi illi l-oggett misjub fil-*joystick* kien jikkontjeni s-sustanza li giet finalment ezaminata mill-espert Godwin Sammut. Fil-hin li PS 100 Terence Azzopardi hejja r-rapport tieghu dwar l-akkadut u cioe` fil-11.05 a.m., skont l-istess rapport, il-*joystick* in kwistjoni bl-oggett misjub fiha kienet ghadha qeghda tinzamm fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, fil-waqt illi PC 133 jghid illi huwa ha l-*joystick* in kwistjoni gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid. Ma jirrizultax lil min ghadda din il-*joystick* PC 133 gewwa l-Ghassa u lanqas jirrizulta kif din waslet finalment gewwa l-ufficju tal-Ispettur Johann J. Fenech fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Ghalkemm PS 100 jghid ukoll, fir-rapport tieghu, illi gie infurmat l-Ispettur Alexander Grech b'dan il-kaz, dan l-Ispettur ma xehedx f'dawn il-proceduri. Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, jirrizulta biss illi ghall-habta tas-6.10 p.m. – u ghalhekk cirka tmien sighat wara li dahal ir-rapport dwar din is-sejba fl-Ghassa ta' Rahal Gdid - huwa mar gewwa l-ufficju tal-Ispettur Johann J. Fenech u hemmhekk gie muri *joystick* u borza tal-plastik li kien fiha trab ta' lewn kannella, li kienet fil-*joystick* u li huwa hareg din il-borza tal-plastik fil-

presenza tal-persuni minnu ndikati fir-relazzjoni tieghu, li mbaghad tpoggiet minnu gewwa *evidence bag*. Ix-Xjenzat Godwin Sammut ghalhekk jiddeskrivi l-oggett minnu elevat sempliciment bhala borza tal-plastik li kienet tikkontjenti trab ta' lewn kannella. Veru illi din kienet f'*joystick*, izda f'dan ir-rigward il-Qorti tinnota illi ghalkemm fil-mori tal-inkjesta gie mahtur ukoll is-*Scene of the Crime Officer* PC 826 Matthew Parnis, ir-relazzjoni tieghu kienet ghadha ma gietx pprezentata meta nghalaq il-process verbal u baqghet ma gietx pprezentanta lanqas f'dawn il-proceduri. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tistabilixxi illi dak deskritt mill-ufficjali tal-habs bhala l-oggett li huma sabu fil-*joystick* in kwistjoni meta din infethet minnhom, huwa l-istess oggett li finalment ittiehed gewwa l-Ufficju tal-Ispettur Fenech u gie migbur mix-Xjenzat Godwin Sammut ghall-analizi tieghu. L-istat li fih ix-Xjenzat Godwin Sammut sab is-sustanza in kwistjoni – ossia f'borza tal-plastik – ma kienx l-istat tal-oggett misjub fil-*joystick* kif deskritt originarjament mill-ufficjali tal-habs li sabuh. Il-Qorti lanqas ma ghandha hjiel mill-atti processwali dwar x'gara mill-bicca ingwanta u t-*tape* li l-ufficjali tal-habs jghidu illi sabu fil-*joystick*. Fid-dawl ta' dawn in-nuqqasijiet lampanti fil-kontinwita` tac-*chain of evidence*, il-Qorti jidhrilha illi ma tistax tasal sabiex tikkonkludi fil-grad rikjest mil-ligi, illi s-sustanza migbura u analizzata mill-espert forensiku kienet il-kontenut tal-oggett misjub fil-*joystick* minn CO 140 u CO 180 meta din infethet minnhom.

Konsegwentement, il-Qorti tqis illi ma giex ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi illi l-oggett misjub fil-*joystick* in kwistjoni mill-ufficjali tal-habs kien jikkontjeni s-sustanza eroina.

Dan ifisser illi l-ko-imputata Georgette Fenech ma tistax tinstab hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, kif lanqas ma jista' jinstab hati l-ko-imputat Sandro Mifsud ta' tentattiv li jaghmel xi reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Fir-rigward tal-ko-imputata Fenech, il-Qorti zzid ukoll, wara li kkunsidrat fit-tul ix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri u l-provi prodotti, illi ma jirrizultax fil-grad rikjest mil-ligi illi hija kellha dik ix-xjenza li trid il-ligi dwar il-kontenut tal-*joystick* li hija ghaddiet lil Matthew Agius u ghalhekk apparti l-assenza tal-prova krucjali li l-*joystick* in kwistjoni kienet tikkontjeni l-eroina, fi kwalunkwe kaz l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Georgette Fenech ma jregux. Imbaghad, il-komplicita` tal-ko-imputat Sandro Mifsud f'reati kontra l-Ordinanza, apparti li tinnecessita l-prova tad-droga, lanqas ma tirrizulta, stante illi sabiex tezisti l-komplicita` jrid ikun hemm necessarjament dak li huwa maghruf bhala l-*common design* bejn l-awtur u l-komplici. Skartata x-xjenza dwar il-kontenut tal-*joystick* da parti ta' Agius u tal-ko-imputata Fenech, huwa assenti l-element tal-*common design* u in oltre meta mill-provi ma jirrizultax ness bejn il-ko-imputat

Mifsud u min forna l-oggett misjub fil-*joystick*, mill-atti injot, lanqas ghalhekk ma tista' tirrizulta xi forma ta' komplicita` da parti tal-istess Mifsud.

Konsegwentement, la darba l-Qorti m'hijiex issib reita` fil-ko-imputat Sandro Mifsud, lanqas ma tista' ssib illi huwa recidiv.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-ko-imputati Georgette Fenech u Sandro Mifsud mhux hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom rispettivament u qeghda tilliberahom mill-istess.

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza esebita fl-atti hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat